MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2009

Rikors Numru. 2/2002/1

Paul **CARUANA**

vs

**GLOBAL EXECUTIVE SEARCH (MALTA) LIMITED**,
Rudolphe Gaerty, Ronald Gaerty u Ondine Gaerty

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Global Executive Search (Malta) Limited u Ronald u Mary miżżewġin Gaerty fl-4 ta’ Jannar, 2002, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra talbu li din il-Qorti (a) għall-finijiet tal-artikolu 291 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, taħtar bħala konsinnatarju lil Teresino Sammut ta’ “*The Reservation*”, Triq l-Insolja, Burmarrad minflok il-konsinnatarju mqabbad minn Paul Caruana (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutant”); (b) teħles l-oġġetti msemmijin fil-Mandat ta’ Qbid fuq imsemmi maħruġ kontrihom fl-20 ta’ Frar, 2001, u tagħti l-ordnijiet u direttivi li jidhrilha meħtieġa biex dan isir; (ċ) issib li ma jiswiex ir-rikors imressaq mill-eżekutant fis-16 ta’ Ottubru, 2001, fl-atti tal-imsemmi Mandat u għalhekk tħassar id-degriet mogħti minn din il-Qorti fuq it-talba magħmula fl-imsemmi rikors; (d) tħassar għal kollox, għall-finijiet tal-artikolu 836(1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-Mandat ta’ Qbid maħruġ kontrihom mill-intimat eżekutant; (e) tikkundanna lill-istess eżekutant iħallashom penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi; u (f) f’każ li ma ssibx li għandha tħassar l-imsemmi Mandat, li torbot lill-istess intimat eżekutant biex iressaq garanzija tajba għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta’ Jannar, 2002, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tas-16 ta’ Jannar, 2002;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant fil-15 ta' Jannar, 2002, li biha laqa' għat-talbiet tar-rikorrenti eżekutati billi miera waħda waħda r-raġunijiet li għalihom tressqu l-istess talbiet;

Semgħet ix-xhieda tal-avukat tar-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Jannar, 2002, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti jridu li jitneħħew l-effetti ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju maħruġ mill-intimat eżekutant kontra l-kumpannija rikorrenti;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrenti bħala dawk li għalihom qegħdin jitolbu r-rimedji msemmijin fir-rikors tagħhom huma: (a) li l-ammont mitlub fil-Mandat mhux *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv; u (b) li, fiċ-ċirkostanzi, m'huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu wkoll t-tħassir ta' degriet li bih il-Qorti ordnat il-ħatra ta' konsinnatarju mqabbad mill-eżekutant innifsu, u t-tneħħija tal-esekuzzjoni fuq dawk il-ħwejjeġ li r-rikorrenti miżżewġin Gaerty jgħidu li huma ħwejjiġhom u mhux ħwejjeġ tal-kumpannija rikorrenti eżekutata. Tressqu wkoll talbiet biex l-intimat eżekutant jiġi ordnat iħallashom penali u li jagħti garanzija xierqa, fiż-żmien li l-Qorti tagħtih, biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u għad-danni u l-imgħax li 'l quddiem huwa jista' jkun kundannat li jħallas lir-rikorrenti eżekutata minħabba l-ħruġ tal-istess Mandat. Uħud minn dawn it-talbiet huma alternativi għall-ewwel talba. Fl-aħħarnett, qegħdin jitolbu wkoll li jekk kemm-il darba l-Qorti ma ssibx li għandha tordna t-tħassir tal-Mandat, l-eżekutant għandu jkun ordnat iressaq garanzija tajba biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u għad-danni u mgħax;

Illi l-Qorti jidhrilha, qabel kull ħaġa oħra, li għandha tqis wieħed mill-argumenti mressqin f'isem l-eżekutant waqt it-trattazzjoni tar-rikors. Ikun xieraq li jitfakkar li l-liġi tagħti r-rimedju maħsub fl-artikolu 836 lil "l-intimat li jkun inħareġ l-att kawtelatorju kontrih" u lil dik il-persuna biss. Fid-dawl ta' dan il-fatt u tal-fatt li l-Mandat li għalih jirreferi dan il-provvediment inħareġ biss kontra persuna intimata waħda – jiġifieri l-

kumpannija Global Executive Search (Malta) Limited – ir-rikorrenti l-oħrajn miżżewġin Gaerty m'għandhomx la interess ġuridiku u lanqas *locus standi* f'din l-għamla ta' proċedura u r-rimedji li huma jippretendu jistgħu jduru lejhom fi proċedura oħra[1]. Dan jingħad minbarra l-fatt li l-ilment ewlieni tal-imsemmija miżżewġin Gaerty – jiġifieri li wħud mill-ħwejjeġ elevati bis-saħħa tal-imsemmi Mandat minn ġod-dar fejn jgħixu huma ħwejjiġhom personali u meħtieġa biex jgħammru l-istess dar u biex jinqdew bihom fil-ħajja ta' kuljum tgħhom – ma jaqax taħt waħda mir-raġunijiet li twassal għat-tħassir tal-Mandat, imma għat-tħassir tal-eżekuzzjoni tal-Mandat, li huma żewġ kunċetti li jmisshom jingħarfu minn xulxin[2]. It-tħassir tal-eżekuzzjoni ta' Mandat jintlaħaq bi proċedura mfassla apposta għalih[3], u li m'hijiex ir-rikors maħsub taħt l-artikolu 836;

Illi għalhekk il-Qorti sejra tqis l-aggravji biss safejn jirrigwardaw lill-intimata eżekutata;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[4]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti</u> u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat

---

[1] P.A. AJM **4.6.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Strand Marine Ltd vs Simon Borġ Bartolo***
[2] P.A. TM **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Cutajar vs Arva Insurance Agency Ltd. noe***
[3] P.A. TM **23.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Joseph Paċe***
[4] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutata Global Executive Search (Malta) Limited fl-20 ta’ Frar, 2001. Dak inhar ukoll, l-eżekutant ħareġ Mandat ta’ Sekwestru kontra l-eżekutata u għall-istess ammont[5]. L-eżekutant ressaq it-talba tiegħu biex iħares pretensjoni fis-somma ta’ tlitt mitt elf lira Maltin (Lm 300,000) u dan “in kawtela ta’ dritt tal-esponenti għal ħlas tal-ammont fuq indikat liema ammont hu dovut primarjament minn Rudolph Gaerty (li għandu r-rappreżentanza ġuridika tal-istess soċjeta’ intimata) u dana a tenur tal-iskrittura privata konkluża bejn il-partijiet fis-16 ta’ Ġunju, 1997...”. Bħala eżekuzzjoni, l-eżekutant indika l-postijiet bl-isem “Dar il-Hena”, 15, Triq tan-Nadur, Dwejra, Rabat, Malta, u “Moonlight Hall”, Triq l-Insolja, Burmarrad. It-talba ntlaqgħet dak inhar li tressaq ir-rikors. L-ewwel eżekuzzjoni saret fis-26 ta’ Frar, 2001, mill-fond fid-Dwejra, u l-għada mill-fond f’Burmarrad. Għalkemm il-Marixxall mar iwettaq il-qbid flimkien ma’ Marixxall ieħor (Nażżareno Beżżina), ma wettaq lill-ebda persuna bħala kunsinnatarja, u d-debitriċi eżekutata lanqas ressqet xi persuna għal dak il-għan;

Illi fit-2 ta’ Marzu, 2001, l-eżekutant fetaħ kawża kontra l-kumpannija eżekutata biex iressaq fiha l-pretensjonijiet li dwarhom hu kien talab il-ħruġ tal-Mandati kawtelatorji[6]. Fis-16 ta’ Ottubru, 2001, l-eżekutant ressaq rikors biex, għall-finijiet tal-artikolu 292(3) tal-Kapitolu 12, din il-Qorti tordna li jiġu elevati l-ħwejjeġ maqbudin bil-Mandat u biex taħtar lil Kenneth Azzopardi bħala kunsinnatarju. B’degriet mogħti l-għada din il-Qorti (diversament presjeduta) laqgħet it-talba. Fit-3 ta’ Jannar, 2002, l-Marixxalli marru biex jelevaw l-oġġetti maqbudin miż-żewġ postijiet imsemmija fil-Mandat imma ma tħallewx jagħmlu dan. Huma ressqu rapport lill-

[5] Sek. Nru. 476/01
[6] Ċitazz. Nru. 354/01JRM

Qorti fl-4 ta' Jannar, 2002, għall-finijiet tal-artikolu 281(2) tal-Kap 12. Dak inhar, il-miżżewġin Gaerty u l-kumpannija eżekutata fetħu din il-proċedura għat-tħassir tal-mandat u tad-degriet li ħatar lill-imsemmi kunsinnatarju;

Illi fit-8 ta' April, 2002, l-eżekutant reġa' ressaq rikors ieħor fejn talab li l-Qorti tordna li jittieħdu proċeduri ta' disprezz kontra l-persuna li żammet lill-Marixxalli milli jwettqu l-ordni mogħtija lilhom b'degriet, u li tagħti d-direttivi meħtieġa biex jitwettaq kif għandu jkun id-degriet tas-17 ta' Ottubru, 2001. B'degriet mogħti fl-10 ta' April, 2002, din il-Qorti (diversament presjeduta) laqgħet l-ewwel talba u awtorizzat li l-elevazzjoni ssir bi sgass u jekk meħtieġ bl-assistenza tal-Pulizija. Fit-8 ta' Mejju, 2002, il-Marixxalli reġgħu marru biex jelevaw il-ħwejjeġ maqbuda, imma skond rapport minnhom magħmul, għaddew għall-ħatra bħala kunsinnatarja ta' waħda Erinne Marie Gaerty. Minħabba li d-degriet tas-17 ta' Ottubru, 2001, kien għalhekk baqa' ma twettaqx, l-eżekutant ressaq rikors ieħor fit-13 ta' Ġunju, 2002, biex jitlob li l-Qorti tikkonferma l-imsemmi degriet u tordna li dan jitwettaq. B'degriet mogħti fit-18 ta' Ġunju, 2002, din il-Qorti (diversament presjeduta) laqgħet it-talbiet tal-eżekutant u ordnat in-notifika lill-kumpannija intimata. Fit-2 ta' Lulju, 2002, l-kumpannija eżekutata u l-miżżewġin Gaerty ressqu rikors li fih talbu li, fid-dawl tar-rikors imressaq minnhom fl-4 ta' Jannar, 2002 (jiġifieri r-rikors li dwaru qiegħed jingħata dan il-provvediment), dik il-Qorti tordna t-tħassir *contrario imperio* tad-degriet tas-17 ta' Ottubru, 2001, u s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tiegħu. Minkejja l-ordni tal-Qorti biex ir-rikorrenti jieħdu ħsieb jinnotifikaw lill-eżekutant, dan baqa' ma sarx;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, il-kumpannija rikorrenti qegħda tibnihom fuq kawżali speċifiċi tal-liġi. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[7];

Illi l-kumpannija rikorrenti ssemmi żewġ kawżali li dwarhom tistenna li t-talbiet tagħha jiġu meqjusa. Huma l-istess żewġ kawżali li dwarhom ressqet talbiet għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru li kien tressaq flimkien mal-Mandat ta' Qbid mertu ta' din il-proċedura. Din il-Qorti stħarrġet dawk l-ilmenti ( u t-talbiet l-oħrajn marbutin magħhom) f'degriet li hija kienet tat fis-16 ta' April, 2004. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tasal għall-istess fehmiet f'dan il-każ ukoll. Għalhekk, bla ma toqgħod terġa' ttenni l-istess ħsibijiet, tagħmel riferenza għall-imsemmi degriet;

Illi għalhekk ma ssibx li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex il-Qorti tordna t-tħassir tal-Mandat;

Illi l-kumpannija rikorrenti talbet ukoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talbet l-ewwelnett il-kundanna tal-intimat eżekutant għall-ħlas ta' penali; u talbet ukoll it-tqegħid min-naħa tal-intimat eżekutant

[7] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrenti tista' turi li ġarrbet minħabba l-Mandat. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar għal kollox l-effetti tal-Mandat, sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi, għar-rigward tat-talba għall-kundanna tal-eżekutant għall-ħlas tal-penali, din il-Qorti tqis li, għall-istess raġunijiet imsemmijin fid-degriet tagħha tas-16 ta' April, 2004, ma ssibx li hemm raġunijiet tajbin biex tikkundanna lill-eżekutant biex iħallas penali lir-rikorrenti eżekutata. Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lill-kumpannija rikorrenti li 'l quddiem u fis-sedi xierqa tressaq pretensjonijiet kif imiss jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tafx bihom jew li dwarhom hija tasal f'fehmiet preċiżi għar-rigward iżjed 'il quddiem;

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimat eżekutant, il-Qorti tqis li fil-każ tal-Mandat kawtelatorju l-ieħor (jiġifieri s-Sekwestru) kienet tat provvediment li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti eżekutata;

Illi billi fil-każ ta' dan il-Mandat qiegħed jingħad li l-biċċa l-kbira tal-ħwejjeġ maqbuda u elevati bis-saħħa tal-Mandat huma ħwejjeġ personali tal-miżżewġin Gaerty u mhux ġid tal-kumpannija eżekutata, l-Qorti tifhem li m'huwiex il-każ li terġa' tqiegħed fuq l-eżekutant l-obbligu li jressaq garanzija oħra taħt l-artikolu 838A. Dan jingħad l-iżjed għaliex, kif issemma qabel, is-sidien tal-oġġetti elevati jistgħu jieħdu proċeduri speċifiċi biex iħassru l-eżekuzzjoni tal-Mandat

safejn din tkun tirreferi għal ħwejjiġhom, u b'hekk jeħilsu dawk l-istess ħwejjeġ milli jibqgħu hekk maqbuda. Wieħed ma jridx jinsa li l-garanzija mogħtija taħt l-artikolu 838A tintrabat mas-siwi tal-Mandat u mhux sempliċement mas-siwi tal-eżekuzzjoni tiegħu;

Illi għalhekk ukoll, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-talba għall-għoti tal-garanzija;

Illi rigward it-<u>talba l-oħra biex il-Qorti tibdel il-konsinnatarju</u> maħtur bid-degriet tas-17 ta' Ottubru, 2001, l-Qorti tinnota li r-raġunijiet ewlenin imressqa mir-rikorrenti b'sostenn ta' din it-talba huma tnejn: li d-degriet għall-ħatra tal-kunsinnatarju Azzopardi ngħata bla ma saret in-notifika lill-kontro-parti tar-rikors imressaq mill-eżekutant, u li l-eżekutata qatt ma kellha l-opportunita' li taħtar hi konsinnatarju tal-għażla tagħha;

Illi din il-Qorti jidhrilha li din it-tieni raġuni ma tistax tittieħed b'serjeta': fl-ewwel lok, il-Mandat kien eżegwit bl-għarfien tal-eżekutata sa minn Frar tal-2001. La dak inhar u lanqas matul iż-żmien kollu sa ma tressaq ir-rikors mill-eżekutant f'Ottubru tal-2001, ma saret l-ebda talba mill-istess eżekutata biex jinħatar kunsinnatarju tal-għażla tagħha. Minbarra dan, kien biss f'Mejju tal-2002, meta l-Marixxall mar biex iwettaq l-imsemmi degriet ta' Ottubru, 2001, li l-istess eżekutata qabdet u offriet persuna bħala kunsinnatarja bla ebda diffikulta' ta' xejn u minkejja l-ordni espress tal-Qorti;

Illi dwar l-ewwel raġuni l-Qorti ma jidhrilhiex li n-nuqqas ta' notifika minn qabel tar-rikors tal-eżekutant iġib maż jiswiex l-istess degriet tas-17 ta' Ottubru, 2001. Wieħed irid iqis li dak li talab l-eżekutant fl-imsemmi rikors tiegħu ma kien xejn żejjed ladarba meta saret l-ewwel eżekuzzjoni tal-mandat fi Frar ta' qabel, il-Marixxall eżekuttiv kien naqas li jaħtar kunsinnatarju, kif kien marbut li jagħmel bil-liġi. Illi din il-Qorti taħseb li kieku meta saret l-eżekuzzjoni tal-mandat sar kollox kif trid il-liġi, x'aktarx ma kienx ikun hemm raġuni għala l-eżekutant joqgħod iressaq talba għall-ħatra ta' kunsinnatarju. Iżda b'dak li sar, effettivament, il-Mandat ma twettaq xejn għaliex, minbarra li baqa' ma nħatar l-ebda kunsinnatarju, l-eżekutata (u terzi persuni) baqgħet iżżomm il-ħwejjeġ maqbuda bil-Mandat bħallikieku ma kien ġara xejn. Lanqas ma huwa minnu l-ilment tal-eżekutata li, fir-rikors tal-eżekutant ta' Ottubru 2001 kien iddaħħal xi indirizz ġdid fejn kellha ssir l-elevazzjoni tal-ħwejjeġ maqbuda bil-Mandat, u dan għaliex dak li tgħid dwar il-post fi Triq l-Insolja, f'Burmarrad, huwa għal kollox kontradett mir-riferta tal-eżekuzzjoni tal-mandat li saret sewwasew f'dak il-post fis-27 ta' Frar, 2001;

Illi, fuq kollox, l-eżekutata ma tat l-ebda raġuni tajba, għall-finijiet, tal-artikoli 292 u 293 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (kif kienu fis-seħħ fiż-żmien rilevanti) li jwassluha biex titbiegħed mill-ordni mogħti bid-degriet tas-17 ta' Ottubru, 2001;

Illi għalhekk, lanqas din it-talba m'hija mistħoqqa u m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi dwar it-talba biex il-Qorti teħles mill-effetti tal-Mandat l-oġġetti elenkati fir-riferta mehmuża mal-istess Mandat din il-Qorti jidhrilha li diġa' wriet il-fehma tagħha dwar din il-kwestjoni aktar qabel f'dan l-istess provvediment. Talba bħal din trid issir minn min iqis li huwa sid il-ħwejjeġ maqbuda u, kif ingħad ukoll, bi proċedura maħsuba għal dan il-għan, liema proċedura trid issir kemm kontra l-eżekutant u kif ukoll kontra d-debitur eżekutat;

Illi, fl-aħħarnett, dwar it-talba għat-tħassir *contrario imperio* tad-degriet tas-17 ta' Ottubru, 2001, din il-Qorti, għar-raġunijiet li ssemmew iżjed 'il fuq, ma ngħatat l-ebda raġuni tajba biex taqtagħha li għandha tħassar l-imsemmi degriet;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tal-kumpannija rikorrenti eżekutata billi:

**Tiddikjara li** r-rikorrenti Ronald u Mary miżżewġin Gaerty m'għandhomx *locus standi* fil-proċedura tal-lum, u għalhekk qiegħda teħles lill-intimat eżekutant bl-ispejjeż kontra tagħhom; u

**Tiċħad it-talbiet kollha** tagħha billi ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti, bl-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mill-istess eżekutata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------